**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAS-SUMMIT TAL-BALKANI TAL-PUNENT U MAL-KUNSILL EWROPEW TAS-17 U T-18 TA' DIĊEMBRU 2025**

Sur President, matul il-jum tal-Erbgħa 17 ta' Diċembru u l-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 kont fi Brussell għal jumejn ta' laqgħat intensivi ma' sħabi l-mexxejja tal-Unjoni Ewropea.

Fl-ewwel jum, jiġifieri fis-17 ta' Diċembru, bdejna billi lqajna lill-ġirien tagħna mill-Balkani tal-Punent għas-summit li jseħħ darba fis-sena, u li huwa parti mill-kalendarju tagħna l-mexxejja. F'dawn is-summits ikollna l-opportunità li niddjalogaw fuq numru ta' temi varji ma' dan ir-reġjun ġar tagħna li għandu importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea. Bla dubju, fost l-aktar temi prominenti fuq l-aġenda ma' dawn il-pajjiżi hemm is-sigurtà, is-sitwazzjoni ġeopolitika u d-dinamika fir-reġjun, it-tkabbir eventwali tal-Unjoni Ewropea u l-kooperazzjoni mill-qrib f'setturi bħall-immigrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-koordinament tal-politika barranija.

Sur President, f'dawn iż-żminijiet ta' inċertezzi ġeopolitiċi kbar li jinsab fihom il-kontinent Ewropew, l-akbar valur miżjud ta' din il-laqgħa huwa l-enfasi fuq l-għaqda u l-prosperità għall-popli kollha tal-Ewropa. U infatti matul is-summit wassalt l-impenn ta' Malta biex inkabbru u nsaħħu s-sħubija ma' dan ir-reġjun tant importanti għall-Unjoni Ewropea. Nemmen li rridu nibnu fuq numru ta' suċċessi li diġà ksibna bil-kooperazzjoni u rridu nkomplu nirsistu biex inġibu benefiċċji ġodda u konkreti li jinħassu miċ-ċittadini taż-żewġ naħat. Temi partikolari fejn żgur għandna opportunità għal kooperazzjoni sfiqa huma t-tisħiħ tar-reżiljenza kollettiva kontra theddid ġdid, bħat-theddid ċibernetiku u ibridu, u kif ukoll il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata li topera fuq diversi livelli, inkluż fit-traffikar tal-bnedmin.

L-opportunitajiet li nistgħu naħdmu fuqhom flimkien huma varji, u għaldaqstant irridu nappoġġjaw sforzi biex ikun hemm rikonċiljazzjoni fir-reġjun, anke biex dawn il-pajjiżi jkomplu jippreparaw ruħhom u jkunu parti mill-proċess ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea, imsejjes fuq il-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Fit-tieni jum, il-Ħamis 18 ta' Diċembru, imbagħad kien imiss il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew. L-ewwel appuntament qabel beda l-Kunsill Ewropew formali kienet il-laqgħa informali ta' koordinament dwar l-immigrazzjoni irregolari, li saret qabel il-Kunsill innifsu bħalma saret b'mod regolari qabel kull summit Ewropew għal dawn l-aħħar xhur. Din il-laqgħa, li ġiet ikkordinata mill-Prim Ministri tal-Olanda, tal-Italja u tad-Danimarka, saret appuntament regolari u importanti fejn qed inkomplu naħdmu u nikkordinaw fi grupp li għandu għan komuni: dak li jikkontrolla l-immigrazzjoni irregolari u jiġġieled il-kriminalità organizzata.

Allura flimkien ma' 14-il mexxej ta' stat membru tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea nnifisha, li tkun preżenti *tramite* l-President tagħha, kont parteċipi f'dawn id-diskussjonijiet biex insaħħu l-isforz kollettiv ta' bejnietna ħalli nindirizzaw id-diversi sfidi komuni li għandna. Tkellimna wkoll fuq l-iżviluppi f'diversi pajjiżi terzi, kemm tal-oriġini kif ukoll tat-tranżitu, u kif nistgħu nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet magħhom. Komplejna nibnu wkoll fuq diskussjonijiet preċedenti li kellna sabiex insaħħu l-kooperazzjoni f'diversi fora multilaterali, inkluż fil-Kunsill tal-Ewropa u fil-Ġnus Magħquda, fejn ukoll qed isir xogħol importanti ħafna permezz tal-koordinament li qed ikollna bejnietna sabiex ir-realtajiet u l-isfidi li ġġib magħha l-immigrazzjoni irregolari jkunu riflessi fid-deċiżjonijiet kollettivi li jittieħdu f'kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet.

Dan il-Gvern jibqa' kommess li jħaddem b'mod għaqli politika li tipproteġi lil dawk li verament ikun ħaqqhom il-protezzjoni, però tkun iebsa ma' dawk li jabbużaw. It-tnaqqis fin-numru tal-wasliet ġewwa pajjiżna juri li din il-politika taħdem, u li l-messaġġ qed jasal. Il-prijorità tagħna allura tibqa' li permezz tal-kooperazzjoni li qed nibnu, inkluż permezz ta' dan il-grupp, nibqgħu nsibu soluzzjonijiet ġusti u li jilħqu bilanċ sensittiv u delikat ħafna – ma ninsewx li fl-aħħar mill-aħħar hawn qed nitkellmu fuq ħajjiet ta' nies li huma fl-aktar stat vulnerabbli.

Però kif dejjem ngħid, minkejja li din il-politika li qed inħaddmu lokalment qed tħalli l-frott tagħha, protetti għalkollox m'aħniex u ġurnata waħda tista' tibda litteralment kollox. Episodji ta' wasliet irregolari nibqgħu esposti għalihom, primarjament minħabba l-qagħda ġeografika tagħna. Kif wara kollox rajna lejn tmiem is-sena li għaddiet, meta fit-12 ta' Diċembru waslu ġewwa pajjiżna 61 persuna b'mod irregolari. Ġew salvati mill-għarqa mill-Forzi Armati ta' Malta u nirringrazzjahom tal-ħidma tagħhom. Però dan kien episodju ieħor fejn urejna b'mod konkret kemm veru pajjiżna jieħu din il-politika ġusta li nħaddnu b'serjetà, hekk kif immedjatament malli salvajniehom u waslu ġewwa pajjiżna, beda l-proċess biex dawn jiġu ripatrijati lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Infatti, grazzi għall-ħidma kbira li qed titwettaq mill-Ministru Byron Camilleri u t-tim tiegħu, fi żmien qasir ta' 17-il ġurnata, jiġifieri qabel għeluq is-sena stess, irnexxielna nirritornaw b'suċċess il-maġġoranza tagħhom, jiġifieri 48 persuna. Dan huwa mudell li kemm-il darba l-Kummissjoni Ewropea qiegħda tiċċitah – anke f'din il-laqgħa li għadni kif semmejt, li jkollna bejn l-14 stat membru u l-Kummissjoni – ta' kif stat membru għandu jaħdem biex ikisser iċ-ċrieki tal-kriminalità organizzata.

Qegħdin nużaw l-istess tip ta' politika fil-każ ta' dawk li jkunu ġewwa pajjiżna, jiġifieri b'mod regolari, imma li jiksru il-liġijiet tal-pajjiż, jew ma jikkoperawx mal-awtoritajiet. Hemmhekk qed napplikaw politika ċara fejn anke min jinstab ħati ta' reati kriminali jiġi deportat mill-pajjiż. Il-messaġġ huwa ċar – pajjiżna huwa ħanin, pajjiżna huwa akkoljenti u jgħin lil min huwa fil-bżonn, bħalma dejjem għamel, però ser ikun iebes ma' min jabbuża mil-liġijiet u r-regolamenti ta' pajjiżna.

Nemmen li bil-ħidma li għaddejja fuq livell Ewropew u bl-isforzi kollettivi li qed nagħmlu flimkien mal-Kummissjoni Ewropea għandna nkomplu nwasslu dan il-messaġġ b'mod ċar, li fit-territorju Ewropew u fit-territorji individwali tas-27 stat membru, jidħlu biss dawk li ħaqqhom u mhux dawk li jagħżlu l-kuntrabandisti u t-traffikanti tal-bniedem għall-konvenjenza finanzjarja tagħhom.

Indur issa għal-laqgħa proprja tal-Kunsill Ewropew li għal darb'oħra kienet waħda b'aġenda intensiva imma li kienet iddominata minn tema waħda, li se nibda biha. Kien hemm diskussjonijiet sensittivi u importanti u għalhekk, it-tema ewlenija kienet dik tal-Ukrajna, speċifikament il-finanzjament tagħha għas-sentejn li ġejjin.

Il-qofol tad-diskussjoni kien bla dubju dwar l-appoġġ finanzjarju li rridu nibqgħu nagħtu lill-Ukrajna bħala Unjoni Ewropea. Fil-fatt, id-diskussjoni kompliet tibni fuq dak li konna bdejna niddiskutu preliminarjament fil-kunsill informali f'Kopenhagen, fid-Danimarka, u mbagħad kienet kompliet b'ritmu aktar mgħaġġel f'dawn l-aħħar xhur, fejn wasslitna proprju għal din il-laqgħa tant importanti ta' Diċembru u għall-punt tad-deċiżjoni fuq kif kien ser ikun l-istrument finanzjarju li bih konna se ngħaddu l-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna.

Nammetti li kienet waħda mill-aktar diskussjonijiet kumplessi, mill-aspett tekniku, u ċertament waħda mill-aktar jekk mhux l-aktar deċiżjonijiet diffiċli li kelli nieħu jien f'dawn l-aħħar snin fuq livell ta' Kunsill Ewropew.

Il-punt tat-tluq ta' Malta dejjem kien li pajjiżna huwa konvint u kommess li l-Unjoni Ewropea trid tibqa' turi s-solidarjetà kontinwa mal-poplu Ukren, u pajjiżna, bħalma dejjem għamel f'kull opportunità li kellu, ser jibqa' jagħti kull għajnuna possibbli, naturalment b'konformità sħiħa ma' dak li tipprovdi l-Kostituzzjonali tagħna. Infakkar ukoll li matul il-jiem preċedenti kienu għaddejjin ukoll sforzi importanti, u għadhom għaddejjin s'issa, sabiex ikun hemm negozjar ta' trattat li joffri garanzija ta' waqfien mill-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Pajjiżna dejjem kien ċar li l-ewwel prijorità għandha tibqa' l-paċi, u nemmen li għandna nibqgħu nisħqu fuq l-isforzi diplomatiċi biex jibqa' jkun hemm it-tiftix tal-paċi, u li rridu nassiguraw li b'kull mod possibbli niffaċilitaw id-djalogu u nsostnu kull tip ta' sforz, ġej minn fejn ġej.

Kif għedt qabel, id-deċiżjoni diffiċli kienet marbuta mal-finanzjament fl-immedjat lill-Ukrajna. Matul it-tieni nofs tas-sena li għaddiet ġejna ppreżentati bil-fatt ikrah illi l-Ukrajna kienet qed tasal f'punt li minħabba l-aggressjoni fit-territorju tagħha, kienu litteralment se jispiċċawlha l-flus, li jfisser li l-pajjiż kien jasal f'sitwazzjoni li jkun paralizzat, ma jkunx jista' jiddefendi aktar lilu nnifsu u ma jkunx jista' lanqas jaqdi l-aktar funzjonijiet bażiċi tal-istat, inkluż it-tħaddim tal-amministrazzjoni pubblika.

Fid-dawl ta' dan, bħala mexxejja konna ddelegajna u tlabna lill-Kummissjoni Ewropea biex tressaq 'il quddiem għad-diskussjoni u għall-konsiderazzjoni tagħna proposti li permezz tagħhom, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tgħin lill-Ukrajna finanzjarjament. Però l-aktar proposta li kienet qed tiġi imbuttata mill-Kummissjoni Ewropea u minn numru ta' stati membri oħra kienet dik tar-Reparations Loan, li kont tkellimt fuqha fit-tul fl-istqarrija ministerjali li għamilt wara l-Kunsill Ewropew ta' Ottubru.

Fil-qasir, il-kunċett kien ibbażat fuq il-ħolqien ta' mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tissellef flus li ġew iġġenerati minn assi Russi li bħalissa huma sanzjonati u qed jinżammu ġewwa l-Unjoni Ewropea, fil-maġġoranza assoluta tagħhom taħt il-Euroclear, jiġifieri l-ġurisdizzjoni Belġjana, biex imbagħad tkun tista' ssellifhom lill-Ukrajna, liema self imbagħad jitħallas lura lill-Unjoni Ewropea jekk u meta r-Russja tħallas ir-riparazzjonijiet lill-Ukrajna – jiġifieri meta jingħata kumpens tad-danni li tkun ħalliet bil-gwerra.

Fil-bidu, kien hemm min qed jara din il-proposta daqslikieku kienet xi silver bullet li permezz tagħha ser inkunu nistgħu nagħtu l-għajnuna lill-Ukrajna mingħajr ma jinħass l-effett immedjat tal-kontribuzzjoni finanzjarja, speċjalment dawk il-pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi ekonomiċi u finanzjarji f'pajjiżhom. Dan għaliex il-loan li kienet se tingħata mill-Euroclear lill-Unjoni Ewropea kienet se tkun interest-free, jiġifieri mingħajr il-ħlas tal-imgħax għax kienu qed jagħmlu tajjeb għaliha l-assi Russi. Dak x'kien qed jiġi propost fir-Reparations Loan.

Però fid-diskussjonijiet li seħħew fid-diversi livelli fuq din il-proposta aktar beda jemerġi ċar li kien hemm implikazzjonijiet serji marbuta ma' dan il-kunċett, u li d-deċiżjoni ma kinitx ser tkun waħda ħafifa. Naturalment l-aktar li kien voċiferu kien il-Prim Ministru Belġjan, li miegħu kelli wkoll l-opportunità nżomm telefonata fit-tul ftit tal-jiem qabel beda dan il-Kunsill Ewropea biex nifhem eżatt il-pożizzjoni Belġjana. Nistqarr li qbilt ma' dik il-pożizzjoni immedjatament – u tifhem is-sensittività li kellu l-Prim Ministru Belġjan – għaliex minħabba li pajjiżu għandu taħtu l-ġurisdizzjoni tal-Euroclear, naturalment mir-ritaljazzjoni Russa kieku morna f'dik id-direzzjoni, l-ewwel u l-aktar li kien se jiġi impattat kien pajjiżu.

Fil-laqgħat li ipparteċipajt fihom, u nsemmi wkoll il-kunsill informali li kien sar f'Kopenhagen, jien kont ukoll qed inqajjem konsistentement numru ta' mistoqsijiet, fil-maġġoranza tagħhom

ta' natura legali, u numru ta' mistoqsijiet biex ikollna kjarifiki legali, anke mis-servizzi legali, biex nassiguraw li kwalunkwe deċiżjoni li nieħdu tkun waħda soda u li ma jkollhiex riperkussjonijiet ekonomiċi fuq is-27 stat membru ta' ritaljazzjoni mir-Russja li litteralment iġġibna għarkopptejna.

Ħassejt li r-responsabbiltà kienet titlob minn kull wieħed u waħda minna l-mexxejja li l-implikazzjonijiet u l-isfidi kollha li setgħu jiġu ma' wiċċna kemm il-darba bħala Unjoni Ewropea konna se nieħdu din id-deċiżjoni, kellhom ikunu ċari. Dan bħal meta wieħed ikun qed jagħmel investiment; ċertezza assoluta ma jistax ikollok, però r-riskji jridu jkunu kalkolati u trid tkun konxju minnhom u taf l-impatt tagħhom.

Biex dan is-self seta' jsir u l-mekkaniżmu seta' jiġi maħluq, l-Istati Membri konna qed niġu mitluba li nagħtu s-sostenn tagħna għal dan l-arranġament permezz ta' garanziji nazzjonali irrevokabbli, jiġifieri tagħtihom u ma tistax treġġagħhom lura, li kien jirriflettu responsabbiltà kondiviża (joint & several liability) għall-obbligi finanzjarji tal-Unjoni, mhux limitati biss għas-self imma wkoll, fuq l-insistenza tal-Prim Ministru Belġjan, u tifhimha, il-garanziji kellhom ikunu għad-danni illimitati li seta' jsofri l-Belġju, l-Unjoni Ewropea u l-istat membri bejnietna. Allura dak li kellna quddiemna u konna qed nintalbu nappoġġjaw kien li pajjiżna, flimkien mal-kumplament tal-istati membri, jagħti garanzija biex jagħmel tajjeb għal somma li ħadd ma seta' jikkwantifika kemm kien l-exposure ta' pajjiżna għaliha. Konna nafu sehemna mis-self, jiġifieri l-garanzija li konna se nagħtu għal kemm kienet kappeġġjata, il-massimu, imma għad-danni li stajna nesponu ruħna għalihom ħadd ma seta' jagħti risposta. U r-risposta kienet waħda ċara: bla limitu.

Il-pożizzjoni li ħadna aħna kienet ċara saħansitra minn qabel il-Kunsill Ewropew. Sur President, meta jien studjajt sew ir-riperkussjonijiet u n-natura ta' dan l-istrument finanzjarju li kien qed jiġi propost, ħassejt li sa minn qabel il-Kunsill Ewropew kelli nagħmel bil-miktub il-pożizzjoni ta' pajjiżna ċara: li aħna konna kontra dan it-tip ta' strument. Konna biss erba' stati membri minn 27 li ffirmajna dikjarazzjoni – aħna, l-Italja, il-Belġju u l-Bulgarija – fejn konna ċari sa minn qabel il-Kunsill u għedna li aħna kontra, u dik id-dikjarazzjoni ntbagħtet minn qabel. Se nkun ċar, konna favur li nagħtu l-għajnuna imma mhux b'dak it-tip ta' strument. Ngħid għalhekk li bħala pajjiż konna strumentali bil-pożizzjoni li ħadna u din m'għamilnihiex b'kapriċċ, imma għamilnieha b'responsabbiltà għax filwaqt li kommessi li nagħtu l-għajnuna meħtieġa, irridu soluzzjonijiet li jkunu konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u mal-liġi internazzjonali, b'parametri prevedibbli, u li jpoġġu fuqna ħafna inqas riskji.

Sodisfatt li litteralment fl-aħħar, proprju fit-3.00 a.m. tal-Ġimgħa, wara lejl twil ta' negozjati wasalna għal strument li kien kompletament differenti minn dak tar-Reparations Loan, fejn avvanzajna €90 biljun lill-Ukrajna, garantiti mill-baġit Ewropew, mingħajr ma dħalna f'riskji li ma kinux meħtieġa iżda xorta tajna l-għajnuna finanzjarja li kienet meħtieġa. Tliet stati membri xorta waħda talbu opt-out għal dan l-arranġament, jiġifieri qed nirreferi għall-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja.

Punt ieħor li xtaqt nisħaq dwaru u li rnexxielna wkoll nerġgħu ninnegozjawh f'dan il-Kunsill Ewropew b'konklużjonijiet li huma bil-miktub huwa li l-loan li tajna huwa konformi mal-obbligi kostituzzjonali tagħna. Dan ġie mniżżel ukoll fil-konklużjonijiet bil-miktub tal-Kunsill Ewropew. Sħaqt li trid tiġi rispettata l-politika speċifika tad-difiża ta' pajjiżna, kif ukoll l-obbligu tan-newtralità li joħroġ mill-Kostituzzjoni, u allura ridt u ngħatajna dik l-assigurazzjoni li kwalunkwe kontribut finanzjarju li pajjiżna jkun qed jagħti, ma jkunx marbut mal-forniment

ta' armi letali u l-attività tal-gwerra. Kif għedt, din ix-xewqa ġiet rispettata u riflessa fil-konklużjonijiet.

Sur President, minkejja li din id-diskussjoni ħadet preċedenza u l-maġġoranza tas-seduta tal-Kunsill, kellna wkoll diversi temi oħra li indirizzajna. Fost oħrajn insemmi l-Lvant Nofsani u l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Paċi fir-reġjun.

Hawn tennejt li s-sitwazzjoni tibqa' waħda instabbli u fraġli, u li r-rispons kollettiv sfortunatament għadu mhux dak li xtaqna naraw, għad-detriment ta' ħafna vittmi innoċenti li qed jibqgħu jbatu ta' kuljum. Inħoss li l-Unjoni Ewropea għadha mhux qed tikkapitalizza biżżejjed fuq l-irwol diplomatiku importanti li għandha f'taħditiet strateġiċi ma' sħab internazzjonali biex jiġi assigurat li dak maqbul ikun implimentat bla dewmien, u allura ħeġġiġt illi dawn l-isforzi jintensifikaw.

Iddiskutejna wkoll s-sitwazzjoni ġeoekonomika u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea fejn sħaqt li l-kompetittività tibqa' kruċjali għall-prosperità fl-Ewropa u tennejt li biex is-suċċess ikun ggarantit għall-Istati Membri kollha u l-ġid jinħass minn kull ċittadin, l-aċċessibbiltà tas-Suq Waħdieni hija kruċjali. Kulma jmur qed ikomplu jikbru l-inċertezzi globali u ftit ftit qed titnaqqar l-ordni globali, li qed iwassal ukoll għal aktar protezzjoniżmu. Nemmen li l-bilanċ bejn il-kummerċ ħieles u s-sigurtà ekonomika, u kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' sħab strateġiċi bħall-Istati Uniti tal-Amerika u ċ-Ċina huma vitali aktar minn qatt qabel għal Unjoni Ewropea reżiljenti u kompetittiva. Dawn huma għodod tal-paċi, il-prosperità u l-istabbiltà.

F'dan il-Kunsill kellna wkoll l-ewwel diskussjoni dwar il-Multiannual Financial Framework 2028-2034. Ingħatajna rendikont tal-progress milħuq taħt il-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u ġie spjegat il-pjan u hemm tentattiv ambizzjuż ħafna li sa Diċembru 2026 nagħlqu. Target iebes imma min-naħa tagħna, se nkunu qed nagħtu koperazzjoni sħiħa biex dak it-target wieħed jipprova jilħqu.

Fost temi oħra, iddiskutejna wkoll l-iżviluppi marbuta mal-qafas leġiżlattiv u inizzjattivi oħra fis-settur tal-migrazzjoni, il-progress fid-diskussjonijiet dwar it-tkabbir eventwali tal-Unjoni Ewropea u r-riformi interni meħtieġa, u kif ukoll id-difiża u s-sigurtà kollettiva tal-Unjoni Ewropea. Ta' importanza partikolari għal pajjiżna kien ukoll il-fatt li bħala mexxejja ħadna konjizzjoni tal-impetus ġdid li nħoloq fuq il-Mediterran, fejn ilqajt b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Patt għall-Mediterran li ser ikun strument importanti għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-viċinat tan-nofsinhar u l-istabbiltà, il-prosperità u s-sigurtà tal-Mediterran.